MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2015

Appell Kriminali Numru. 274/2012

Il-Pulizija

(Spettur Dennis Theuma)

vs

**Nazzareno Mercieca**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Nazzareno Mercieca, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) :

Talli fit- 13 ta' Mejju 2011 u fis-sentejn ta' qabel din id- data f'dawn il-Gzejjer zamm f' xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu xi arma, u/jew munizzjoni elenkati fl-Iskedi I u II rispettivament tal-Att dwar l-Armi minghajr ma kellu licenzja taht dan l-Att bi ksur tal-Artikolu 5(1) tal-istess Att, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-23 ta’ Mejju, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 5(1) tal-istess Att tal-Kapitolu 480 tal- Ligijiet ta' Malta u fuq l-ammissjoni tal-imputat, il-Qorti sabet lill-imputat hati u ghaldaqstant ikkundannatu sitt (6) xhur prigunerija.

Ordnat l-konfiska u d-distruzzjoni tal- arma esebita.

Skwalifikat lill-imputat mil-licenzja tal-armi ghal hames (5) snin.

Rat ir-rikors tal-appellant Nazzareno Mercieca minnu pprezentat fl-1 ta' Gunju, 2012 fejn talab li din il-Qorti jogħoġobha tirriforma s-sentenza appellata u cioe' dik moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Magistrat Anthony Vella tat-23 ta' Mejju 2012 u dan billi fil-waqt li tikkonfermha fejn sabitu hati tar-reat adebit tvarja l-istess sentenza ghal dak li jikkoncerna piena u minflok tipprovdi ghal piena iktar mita u idonea fic-cirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-piena fic-cirkostanzi kienet wahda eccessiva.
Illi l-Qorti messha applikat il-provvediment ta' sub-artiklu 51(2) tal-Kap 480 fejn allura hemm il-piena kontemplata hija dik ta' multa jew prigunerija ta' mhux iktar minn tlett xhur.
Illi dan qed jinghad peress tali pusses kellu jitqies bhala wiehed zghir hafna.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fl-ewwel lok min qari tas-sentenza moghtija fit-23 ta' Mejju, 2012 hemm is-segwenti talbiet nieqsin mill-korp ta' l-istess sentenza u cioe':

"Il-Qorti hija mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, tordna l-konfiska tal-arma u munizzjon in kwistjoni kif ukoll thassar jew tissospendi l-licenzja mahruga taht dan l-Att u tipprjobixxi lill-persuna milli jkollha xi licenzja taht dan l-Att ghal zmien mhux izjed minn hames snin meta dik il-persuna tinsab hatja.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll mitluba titratta ma Nazareno Mercieca talli huwa recidiv b'sentenza datata 15.5.1995 moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn huwa kien gie

kkundannat sentenza ta' 20 sena prigunerija liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula."

Illi minbarra dan l-uniku artikolu tal-ligi indikat hu l-artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-aggravju tal-appellant jirrigwarda biss il-piena erogata minn din il-Qorti li mhiex fil-parametri provduti mill-artikolu 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi mill-provi prodotti fl-ammisjoni birija ta' l-imputat jirrizulta li l-arma nstabet fid-dar ta' l-imputat u zgur li kienet ghall-uzu tieghu apparti li hi arma ta' kalibru zghir.

Illi minn imkien ma tirrizulta r-recidiva ta' l-imputat fil-korp tas-sentenza.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tikkonferma s-sentenza appellata ghal dak li tirrigwarda s-sejbien ta' htija. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn ikkundannat lill-imputat ghal piena ta' sitt xhur prigunerija u minflok tikkundannah ghal piena ta' tlett xhur prigunerija. Tikkonferma l-konfiska u id-distruzzjoni tal-arma u munizzjon ezebit, kif ukoll l-iskwalifika li jkollu licenzja tal-armi ghal perjodu ta' hames snin mil-lum.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------